**PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF ONOR. MARK SIMIANA, LL.D**

*Rikors Maħluf Numru 1236/2023 MS*

**Toni Trade Limited**

**Vs.**

**Lara Investments Limited**

Illum, 12 t'April, 2024

Kawża Numru:

Il-Qorti,

1. Rat ir-rikors ġuramentat preżentat mis-soċjetà attriċi fil-31 t'Ottubru 2023, li bih, wara li ġie premess:

> A. Dikjarazzjoni tal-fatti
>
> Peress illi s-socjeta l-intimata ffirmat konvenju mar-rikorrenti ghall-trasferiment ta' garaxx skond konvenju datat 22 ta' April 2021 (Dok A) ghall-prezz ta' mija u tmienja u disghin elf ewro (Euro 198,000).

Peress illi s-socjeta rikorrenti kienet lahqet hallset lis-socjeta ntimata s-somma kumplessiva ta' dsatax il-elf u tmien mitt ewro (Euro 19,800), u dana bhala depozitu akkont tal-prezz.

Illi llum jirrizulta illi t-trasferiment tal-propjeta skond l-imsemmi konvenju ma jistax javvera ruhu u dan gie ukoll ammess mill-intimat nnifsu minhabba li hemm diversi ipoteki registrati fuq l-propjeta in vendita.

Peress illi wkoll il-konvenju msemmi skada u ma jistghax jigi enforzat, stante illi s-socjeta intimata rrifjutat li ggedded l-imsemmi konvenju u tikkancella d-dejn taghha ipotekat mal-imsemmija proprjeta li kellha tigi trasferita.

Illi għalhekk s-socjeta ntimata għandha thallas w jirrifondu lura lis-socjeta rikorrenti s- somma ta' dsatax il-elf u tmien mitt ewro (Euro 19,800) in lenia tad-depozitu mhallas mis-socjeta rikorrenti lis-socjeta ntimata akkont fuq il-konvenju.

Illi s-socjeta ntimata giet interpellata diversi drabi sabiex tirrifondi lura l-imsemmija somma bilancjali, izda minkejja li kkonfermaw li l-ammont huwa dovut, sallum ghadha ma hallset xejn.

Illi s-socjeta rikorrenti taf b' dawn il-fatti hija personalment.

B. Raguni ghat-Talbiet f' dawn il-proceduri

Peress illi s-socjeta intimata giet nterpellata ghall-hlas tal-ammont hawn fuq imsemmi diversi drabi baqghet nadempienti;

Peress illi dan l-ammont huwa cert, likwidu u dovut u s-socjeta ntimata m'għandhomx eccezzjonijiet validi x' taghti ghat-talbiet attrici

l-istess soċjetà attriċi għaddiet biex titlob lill-qorti prevja kwalsiasi dikjarazzjoni neċessarja u opportunam jogħġobha:

Tghaddi biex taqta' u tiddeciedi bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza ai termini tal-artikoli 167-171 tal-Kodici tal-Organizazzjoni u Procedura Civili;

Tiddikjara illi s-socjeta intimata ghandha thallas lis-socjeta rikorrenti s-somma kumplessiva ta' dsatax il-elf u tmien mitt ewro (Euro 19,800).

Tikkundanna lis-socjeta ntimata thallas l-ammont kumplessiv ta' dsatax il-elf u tmien mitt ewro (Euro 19,800), flimkien mal-imgħaxijiet legali dekorribbli mid-data tal- ittra ufficjali tat-13 ta' April 2023 sal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali tat-13 ta' April 2023, kif ukoll tal-mandat ta' Sekwestru kawtelatorju li qed jkun ntavolat kontestwalment, kontra s-socjeta ntimata li hija ngunta ghas-subizzjoni

2. Rat id-dikjarazzjoni ġuramentata mehmuża mar-rikors ġuramentat kif ukoll id-dokumenti preżentati miegħu;

3. Rat li s-soċjetà konvenuta, għalkemm debitament notifikata bir-rikors ġuramentat u bl-avviż għas-smigħ tal-kawża, naqset milli tidher għall-udjenza tal-lum u ħadd ma deher biex jitkellem għaliha;

4. Rat li l-kawża ġiet posposta biex tingħata sentenza, billi saret taħt il-proċedura sommarja speċjali;

Ikkunsidrat:

5. Illi skont l-artikolu 170(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, jekk f'kawża li ssir taħt il-proċedura sommarja speċjali l-konvenut jonqos milli jidher u kwindi jibqa' kontumaċi, l-qorti għandha tiddeċiedi minnufih il-kawża billi tilqa' t-talbiet tal-attur. Kif ingħad, is-soċjetà konvenuta baqgħet kontumaċi minkejja li kienet debitament notifikata, u għalhekk il-qorti se tipproċedi kif trid il-liġi.

6. Għaldaqstant il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa' t-talbiet kollha tas-soċjetà attriċi kif dedotti, bl-ispejjeż kollha kif mitluba u bl-imgħax legali dekorribbli mit-13 t'April 2023 sal-jum tal-ħlas effettiv.

Onor. Mark Simiana, LL.D
Imħallef

Lydia Ellul
Deputat Reġistratur